32005R1966

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1966/2005

ta' l-1 ta' Diċembru 2005

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2061/89 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura ta' l-istatistika u tariffarja u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], u partikularment l-Artikolu 9 tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jassigura applikazzjoni uniformi tan-Nomenklatura Magħquda annessa mar-Regolament (KEE) Nru 2658/87, hu neċessarjuli jkunu adottati miżuri dwar il-klassifikazzjoni tal-merkanziji li għalihom hemm referenza fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

(2) Ir-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stipula r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda. Dawn ir-regoli japplikaw ukoll għal kull nomenklatura oħra li hi kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi sottodivizjonijiet addizzjonali magħha u li hi stabbilita permezz ta' dispożizzjonijiet speċifiċi Komunitarji, biex tkun implimentata t-tariffa jew miżuri oħra dwar il-kummerċ merkantili.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2061/89 tas-7 ta' Lulju 1989 dwar il-klassifikazzjoni ta' ċerti oġġetti fin-Nomenklatura Magħquda [2] ikklassifika l-prodott 5 stabbilit fl-Anness bħala suppliment ta' l-ikel mingħajr ma ħa f'kunsiderazzjoni l-kwalitajiet terapewtiċi u profilatiċi speċifiċi tiegħu fit-trattament tad-deficjenza tal-vitamina Ċ. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li l-klassifikazzjoni ta' dan il-prodott tiġi emendata u jibda jitqies bħala duwa.

(4) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-klassifikazzjoni tal-prodott Nru 5 fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2061/89 għandha tkun issostitwita b'dik fl-Anness ta' dan ir-Regolament

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin ġurnata wara dik tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar il-1 ta' Diċembru 2005.

Għall-Kummissjoni
Laszlo KOVACS
Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1719/2005 (ĠU L 286, 28.10.2005, p. 1).

[2] ĠU L 196, 12.7.1989, p. 5. Ir-Regolament kif emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 936/1999 (ĠU L 117, 5.5.1999, p. 9).

ANNESS

Deskrizzjoni	Klassifika (Kodiċi NM)	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
5. Preparazzjoni f'forma ta' pilloli ppakkjati għal bejgħ bl-imnut b'istruzzjonijiet dwar id-doża u l-kontenut biex tintgħeleb id-deficjenza tal-Vitamina Ċ. Kull pillola li tiżen 750 mg fiha: — Aċidu askorbiku: 500 mg — trab tal-ballerina, ċelluloża, stearine veġetali, solidi botaniċi taż-żejt, manjesju stearate, silicon dioxide, u glejż ta' l-ikel li fih il-proteina: 250 mg	3004 50 10	Il-klassifikazzjoni hi ddeterminata permezz taddispożizzjonijiet tar-Regoli Ġenerali 1 u 6 għallinterpretazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda, Nota Addizzjonali 1 għal Kapitolu 30 u biddeskrizzjoni tal-kodiċi NM 3004, 3004 50 u 3004 50 10. Ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni tan-Nomenklatura Magħquda għal Kapitolu 30. Dwar id-doża rakkomandata ta' kuljum (RDA) għal vitamina Ċ (60mg), kull pillola biċ-ċar fiha ammont aktar għoli ta' vitamina Ċ (500mg). Il-kundizzjonijiet kollha tan-Nota Addizzjonali 1 għal Kapitolu 30 għalhekk intlaħqu u l-prodott se jiġi kklassifikat bħala duwa l'intestatura 3004.